MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**EDWINA GRIMA**

Seduta ta' l-4 ta' Marzu, 2013

Numru. 931/2012

**Il-Pulizija**
**(Spettur Jurgen Vella)**

**Vs**

**Ramon Muscat ta' 31 sena bin Paul u Doroty xebba Ellul Lanfranco, imwieled il-Pieta nhar l-20 ta' Gunju 1981, residenti gewwa Blk C5, Flat 6, Triq is-Summiena, Fgura, detentur tal-karta tal-identita 309381M**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza migjuba fil-konfront tal-imputat li gie akkuzat talli bd'iversi atti maghmulin fi zminijiet differenti kiser l-istess disposizzjonijiet tal-Ligi, b'rizoluzzjoni wahda billi:

Talli nhar is-7 ta’ Lulju 2012 ghal hbat tas-siegha u nofs ta’ wara nofsinhar (13:30hrs) u fix-xhur precedenti, minn gewwa Chains Supermarket sitwat fi Triq is-Sur, Fgura, wettaq diversi serq ta’ prodotti tal-ikel u oggetti ohra, liema serq huwa ikkwalifikat bil-valur li jeccedi l-mitejn u tnejn u tletin euro u erbgah u disghin centezmu (232.94) ghad-detriment tal-kumpanija Chains Supermerkets.

Rat id-dokumenti esebiti;

Rat il-kunses tal-Avukat Generali sabiex din il-kawza tigi trattata bil-procedura sommarja;

Semghet l-ammissjoni maghmulha mill-imputat liema ammissjoni giet rijaffermata wara li l-imputat inghata zmien xieraq sabiex jirrikonsidra l-istess;

Semghet it-trattazzjoni dwar il-piena.

Ikkunsidrat;

Illi fid-dawl tal-ammisjoni maghmulha mill-imputat l-Qorti ma tistax hlief issib lill-imputat hati tal-akkuza migjuba fil-konfront tieghu.

Illi meta tigi biex tqis il-piena li ghandha tigi inflitta l-Qorti ser tiehu in konsiderazzjoni l-ammissjoni bikrija tal-imputat, il-fatt illi kkopera mal-pulizija u r-resfurtiva giet ritornata.

Ghaldaqstant, il-Qorti, wara li rat l-artikoli 261(c), 267 u 279(a) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta issib lill-imputat hati tal-akkuzi migjuba fil-konfront tieghu izda fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet hawn fuq maghmula u b’applikazzjoni tal-artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligjiet ta’ Malta qed tillibera lill-hati bil-kontizzjoni li ma jikkommettix reat iehor fi zmien tlett (3) snin mil-lum.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------